# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 18 ta’ Gunju 2001**

**Avviz. numru 401/00**

**Numru 31**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Fenici Insurance Brokers Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ erba mija u erbgha u tletin liri Maltin u sitt centezmi (Lm434.06) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mis-17 ta’ Novembru 1997 sal-1 ta’ Lulju 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-5 ta' Gunju 2001 eta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm434.06,0 bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja imsemmija fl-avviz.

J Borg
Dep.Reg